MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 830/2007/1

**Patrick Camilleri ezercitanti l-kummerc taht l-isem Camilleri Patrick & Granite Works**

**vs**

**CDC Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Settembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta Novembru 2007, fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' Lm1,186.33c illum ekwivalenti ghal Euro 2,763.40c rapprezentanti bilanc ta' xoghol ta' irham fuq turgien, sollijiet u faccata liema

xogholijiet gew ezegwiti gewwa fond f'H'Attard fuq inkariku ta' l-istess socjeta konvenuta u debitament accettati mill-istess socjeta' (Dok PC1 u Dok PC2);

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 18 ta' Lulju 2007 kontra s-socjeta konvenuta u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv bis-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 28 ta Dicembru 2007 fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens illi l-ahhar pagament maghmul kien sar u gie accettat "in full and final settlement" oltre ragunijiet ohra li ser jirrizultaw waqt l-smiegh tal-kaz.

B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ezamina l-provi migjuba mill-partijiet u kif ukoll id-dokumenti esebiti.

Sema l-abbli avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw verbalment.

Ikkunsidra.

Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-attur kien gie mqabbad mis-socjeta konvenuta sabiex jahdmilha xi xoghol ta' l-irham fuq blokka bini gdida u li l-attur kien fil-fatt debitament ezegwixxa dan ix-xoghol. Ma hemmx anqas kontestazzjoni li s-socjeta' konvenuta kienet hallset lill-attur diversi pagamenti akkont u l-pendenza bejniethom hija limitata biss fuq jekk l-ahhar pagament kienx sar u gie accettat ghas-saldu jew le. Ghalkemm sar tentattiv da parti tas-socjeta konvenuta fejn  allegaw li ma kienux kuntenti b'xi xoghol, dan gie kontradett mill-provi prodotti. Anzi tant kienu kuntenti bix-xoghol mahdum mill-attur li anke qabbduh fuq blokka

ohra. Fil-fatt l-attur jinsisti li qatt hadd mis-socjeta konvenuta semmielu xi haga fuq xoghol hazin.

Il-pagamenti kollha effettwati mis-socjeta konvenuta jidhru fuq id-dokument esebit mill-attur fix-xhieda tieghu u markat Dok PC 3. L-attur jafferma li meta sar l-ahhar pagament ta Lm500 permezz ta’ cheque datat 18 ta’ Lulju 2007, kien ghad jonqos bilanc ta’ Lm1,186.34c cioe l-ammont mitlub f’dina l-kawza u kwindi ma jaqbilx mas-socjeta konvenuta fejn qed tallega li dan l-ahhar pagament kien sar *in full and final settlement* u dana bil-ghan li l-attur ma jkollux ghalfejn jibdel xoghol li sar hazin. Jinghad li anke minn din it-tip ta’ domanda huwa indikattiv tal-fatt illi meta sar l-ahhar pagament ta’ Lm500 is-socjeta konvenuta kienet gia konsapevoli tal-fatt illi l-attur kien ghad fadallu x’jigbor l-ammont li qed jintalab f’din il-kawza. Fil-fatt b’tali domanda qed ifissru li l-bilanc mitlub f’din il-kawza kien qed speci jinhafer sabiex l-attur ma jibdilx xoghol li sar hazin u kien ghalhekk li l-ahhar pagament kien gie accettat ghas-saldu. La darba ghall-attur huwa sema l-allegazzoni ta’ xoghol hazin proprju biss f’din il-kawza, huwa ferm difficli jekk mhux impossibbli biex titwemmen il-verzjoni tas-socjeta konvenuta u cioe dik li l-attur infirma l-ahhar ricevuta ghas-saldu minflok li jirrimedja xoghol hazin. Il-logika ma ssegwix f’dan l-argument tas-socjeta konvenuta u dana apparti l-fatt li l-attur jinnega li l-ahhar ricevuta saret ghas-saldu. In kontro-ezami l-attur jispjega li dan l-ahhar bilanc cioe dak ta Lm1,186.34c huwa maghmul u maqsum mis-somma ta’ Lm500 ghax-xoghol tieghu u ammont ta’ Lm685 dovut bhala VAT.

Johann Said ghas-socjeta konvenuta filwaqt li jikkonferma l-fatt li huwa kien inghata l-istess quotation esebita bhala Dok PC1, dawk il-figuri kellhom jinkludu l-VAT. Huwa jilmenta mix-xoghol esegwit mill-attur peress illi l-irham li gie fit-tieni konsenja ma kienx jaqbel ma ta’ l-ewwel apparti s-

sinjali li halliet il-makna tal-polish. Huwa anke esebixxa xi ritratti bhala prova ta din l-affermazzjoni tieghu. Kien ghal din ir-raguni u f'dan is-sens li dan ix-xhud kien forra lill-attur zewg alternattivi cioe jew li jithallas l-ahhar Lm500 ghas-saldu jew altrimenti jaqla l-irham hazin. Said jallega li wara ftit tal-jiem l-attur cempillu fejn infurmah li kien ser jaccetta l-ahhar Lm500 ghas-saldu peress li ma kienx vale la pena li jerga jaqla l-irham. Johann Said jikkonferma ghalhekk li hekk sar cioe thallset l-ahhar Lm500 ghas-saldu kif jirrizulta minn Dok CDC1.

Illi dwar l-ilment imressaq minn Johann Said, jinghad li fl-ewwel lok ma hemmx kontestazzjoni tas-socjeta konvenuta f'dan is-sens. Qed ighidu biss li sar pagament ghas-saldu minnhabba l-ezistenza ta' tali nuqqas u kwindi ma kienux qed jikkontestaw il-bilanc mitlub proprju minnhabba tali nuqqas. L-argument huwa pagament ghas-saldu u mhux xoghol difettuz. L-allegat xoghol difettuz huwa r-raguni il-ghala sar il-pagament ghas-saldu u kwindi mhux il-kontestazzjoni vera u proprja kontra t-talba attrici. Barra minnhekk apparti l-kontestazzjoni ta' l-istess attur fejn ikompli jinsisti li qatt ma semmewlu xoghol hazin u ghalhekk wisq anqas huwa kredibbli li seta wasal biex jaccetta pagament ghas-saldu minnhabba tali raguni, l-provi migjuba mis-socjeta konvenuta dwar l-istess huma mankanti ferm. Ir-ritratti esebiti ftit li xejn jistghu jwasslu biex wiehed jiggudika fuq irham li ma jaqbilx u jew fuq sinjali li halliet il-makna tal-polish. Lanqas ma ngabet prova li tant kien difettuz ix-xoghol li kien jehtieg li jinbidel. Pero kif inghad qabel, tali prova xorta wahda ma kienitx tkun daqshekk rikjesta peress li l-argument principali hu li l-pagament sar ghas-saldu minhabba tali allegazzjoni ta' xoghol hazin u mhux necessarjament jekk hux tassew jew meno li x-xoghol kien hazin. Steve Bugeja, direttur iehor fi hdan is-socjeta konvenuta bazikament jikkonferma l-verzjoni moghtija minn Johann Said.

Dan ix-xhud jispjega illi biex ikun cert li l-ahhar cheque ta’ Lm500 kien qed jigi mghoddi lil u accettat mill-attur bhala pagament ghas-saldu, ddecieda li jaghmel photocopy tal-original tac-cheque u fuq l-istess photocopy kiteb il-kliem *“paid in full & final”* u taht tnizzlet il-firma ta’ l-attur Patrick Camilleri u dana kollu kif jidher fid-dokument a fol 26 tal-process. Difatti din hija l-vertenza kollha ta’ din il-kawza peress illi affaccjat minn dan id-dokument fuqhiex is-socjeta konvenuta qed tibbaza t-tezi taghha ta’ kontestazzjoni, l-attur jinnega li dik il-firma hija tieghu anzi jafferma li kienet falsifikat u dana nonostante li x-xhud Steve Bugeja jinsisti li l-firma ta’ l-attur saret quddiemu hekk kif huwa stess kiteb dik il-frazi bl-ingliz.

Illi f’dan l-istadju, it-Tribunal iddecieda, anke fuq talba tal-konsulent legali ta’ l-attur, li jinnomina espert kaligrafiku u kwindi gie mahtur is-sur Joe Gaffiero sabiex jezamina l-firma ta’ l-attur fuq id-dokument esebit a fol 26 tal-process.

Fl-ezami mhejji minn dan l-espert nominat mill-Qorti huwa ezamina l-allegata firma ta’ l-attur li tinsab fuq l-original tad-dokument a fol 26 tal-process u cioe Dok JG 1 a fol 50. Huwa jikkonkludi b’certu konvinzjoni li l-allegata firma ta’ l-attur fil-fatt hija falza u kwindi ma hux minnu li huwa ffirma taht il-kliem *paid in full & final.* It-Tribunal ma rriskontra ebda raguni il-ghala ma ghandux jistrieh fuq il-konkluzjoni peritali tal-espert kaligrafiku nominat minnu stess u dana anke wara li ezamina r-risposti ghad-domandi li sarulu in eskussjoni ghal darba, tnejn, anke wara li ra r-rapport  addizzjonali ta’ l-istess espert u kif ukoll wara li ezamina d-divergenzi ta’ opinjoni u konkluzjonijiet bejn l-istess espert Gaffiero u ta’ l-espert ex parte Joseph Mallia prodott mis-socjeta konvenuta li dan ta’ l-ahhar ukoll ipprezenta rapport ghalih. Jigi osservat illi dan it-Tribunal

ippermetta li jigi prezentat ir-rapport ta' Joseph Mallia mhux daqstant bhala prova ta' rapport ex parte izda aktar bhala forma ta' kritika cioe biex iservi bhala speci ta' Nota jew osservazzjoni ta' kritika ghar-rapport tal-Perit Gaffiero. Dana qed jinghad peress illi fl-istadju fejn kienu waslu l-provi, ebda parti ma setghet tressaq provi ulterjuri partikolarment fil-forma ta' rapport *ex parte* wara li jkun gia gie prezentat rapport tal-espert nominat mit-Tribunal. Illi strettament f'dak l-istadju is-socjeta konvenuta kienet intitolata biss li titlob ghan-nomina ta' perit addizzjonali u mhux tressaq rapport ex parte. Illi ghalhekk hija proprju ghal din ir-raguni li t-Tribunal ikkunsidra l-konkluzjonijiet ta' Joseph Mallia bhala osservazzjoni ta' kritika u mhux bhala rapport ex parte per se.

Illi ghalhekk a tenur tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, ma jirrizultax pruvat li l-attur kien iffrima l-ahhar pagament li sarlu bhala pagament ghas-saldu u tenut kont tal-fatt li meta sar dan l-ahhar pagament is-socjeta konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt kwazi ex admissis li strettament kien ghad jonqos bilanc ulterjuri x'jithallas l-attur, jidher evidenti li l-attur kellu ragun jistitwixxi l-odjerna kawza biex tassew jithallas ghas-saldu.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta konvenuta, kwindi jilqa t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' Euro 2,763.40c (elfejn, seba' mija u tlieta u sittin ewro u erbghin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a kariku tal-istess socjeta konvenuta.**”**

Fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza s-socjeta` konvenuta sokkombenti appellat lil din il-Qorti b'dawn il-motivi ta' aggravju:-

1. Mis-somma reklamata mill-attur dik il-parti taghha rizervata ghal VAT (Lm685) mhix dovuta in kwantu fl-istima originarjament ikkwotata dik it-taxxa fiskali kienet diga` inkluza;

2. Kwantu ghal bilanc ta' l-istess somma (Lm500) dan ukoll mhux dovut ghaliex l-ahhar pagament effettwat lill-attur kien wiehed ghas-saldu u dan b'kontrakkambju ghall-ftehim milhuq illi l-attur ma jigix imgieghel jaqla x-xoghol li kien insodisfacenti. Taht dan il-kap ta' aggravju s-socjeta` konvenuta tikkritika r-rapport ta' l-espert kalligrafiku Joseph Gaffiero nominat mit-Tribunal;

L-ewwel motiv ta' aggravju sottomess mis-socjeta` appellanti ma ghandu ebda sostenn fil-provi dokumentali esebiti, u dan igib illi l-asserzjoni li fl-istima originali kien hemm diga` inkluz il-VAT hi wahda ghal kollox azzardata. Titwila anke superficjali lill-fattura esebita a fol. 2 turi illi fis-somma totali hemm indikata (Lm3100 + Lm177 ghall-"extra stairs") l-ebda Vat ma hu kompriz. Apparentement dan hu hekk ukoll il-kaz fir-rigward tax-xoghlijiet l-ohra *extra* fatturati (15 ta' Marzu, 2007 u 22 ta' Mejju, 2007) kif dawn jinzlu mir-rendikont totali tax-xoghlijiet fid-dokument a fol. 18 tal-process. Li dawn ix-xoghlijiet addizzjonali effettivament saru hu accettat ukoll mis-socjeta` appellanti fil-korp ta' l-appell taghha ("oltre l-prezz tax-xoghlijiet addizzjonali li saru"), anke jekk dwar dan wiehed mid-diretturi taghha, Steve Bugeja jaghti l-impressjoni fil-waqt tad-deposizzjoni tieghu, u precizament a fol. 37, illi huma kienu ordnaw minghand l-attur ix-xoghol dettaljat fil-fattura a fol. 2, "xejn aktar u xejn anqas". Dikjarazzjoni din zmentita mill-attur (in kap ghax-xhieda tieghu a fol. 15) u rigettata wkoll mit-Tribunal fis-sentenza appellata;

Skartat dan l-ilment, jigi qabel xejn registrat b'introduzzjoni ghat-tieni motiv ta' aggravju illi l-vera opposizzjoni tas-socjeta` appellanti kontra t-talba ta' l-attur hi principalment bazata fuq id-difiza illi dik it-talba hi infondata ghaliex l-ahhar pagament maghmul minnha kien wiehed "*in full and final settlement*". Biex issostni din id-difiza s-socjeta` appellanti esebiet taht kopja tac-*cheque* datat 17 ta' Lulju, 2007 b'dak l-ahhar hlas (Lm500) il-kwittanza li hi tallega li saret mill-attur taht il-firma tieghu (ara dokument a fol. 26). Fuq it-talba ta' l-attur it-Tribunal hatar l-espert kalligrafiku Joseph Gaffiero li pprezenta r-relazzjoni tieghu a fol. 48 b'zieda ta' ohra agguntiva a fol. 66. Minn naha taghha, *ex-post* dik ir-relazzjoni s-socjeta` appellanti pproduciet dokument intestat "kontro-ezami tar-rapport tal-perit tekniku" (fol. 78) redatt mill-espert Joseph Mallia, inkarigat minnha, u kif minn dan ikkonfermat fix-xhieda tieghu a fol. 98. Fuq dan, it-Tribunal irrimarka fis-sentenza tieghu illi hu kien ippermetta dak id-dokument tax-xhud Mallia bhala kritika ghar-relazzjoni ta' l-espert nominat minnha, u mhux bhala rapport *ex parte* jew prova ulterjuri in kwantu rraguna illi wara dik ir-relazzjoni l-ebda hadd mill-partijiet ma seta' jressaq provi ohra;

Il-Qorti tixtieq tissofferma ghall-mument fuq din l-ahhar osservazzjoni tat-Tribunal biex tirregistra dan il-kumment. Hu ricevut fi skorta ta' decizjonijiet illi, di regola, gjaldarba f'kawza jkun nominat perit gudizzjarju bil-fakolta li jisma' xhieda u jircievi dokumenti, m'ghandhomx jigu ammessi xhieda u provi godda wara l-prezentata tar-relazzjoni. Ara "**Marianna Fenech -vs- Carmelo Borg *et***", Appell Civili, 26 ta' Ottubru, 1959 in referenza ghall-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 679 tal-Kapitolu 12. Din l-istess sentenza tissokta tippreciza illi hu biss fil-kazijiet eccezzjonali kontemplati mil-ligi [Artikoli 150 (1) u 208 (1) ta' l-istess Kapitolu] illi jista' jinghata dak il-permess, u dan x'aktarx l-izjed ghal konvinzjoni morali tal-qorti jew tat-tribunal;

Ipprecizat dan, il-Qorti mhix intenzjonata hawnhekk li tinoltra ruhha fuq il-portata probatorja tal-perizja kalligrafika anke ghaliex in mertu diga okkupat ruhha fuq

din il-materja u bizzejjed li ssir referenza semplici ghad-decizjoni recensjuri taghha fl-ismijiet "**Book Distributors (BDL) Limited -vs- Joseph Mary Meli**", 17 ta' Ottubru, 2008, ukoll fuq appell lilha mill-konvenut minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Opportunement, il-Qorti qed tillimita ruhha ghall-konsiderazzjonijiet segwenti:-

1. Is-socjeta` appellanti titlaq mill-punt ta' l-arrangament bejn il-partijiet ghal dik il-kwittanza ghas-saldu rilaxxjata mill-attur in bazi ghall-allegazzjoni illi x-xoghol ezegwit mill-attur kien difettuz jew teknikament deficjenti. In mertu, kif wisq gustament gie osservat mit-Tribunal, is-socjeta` appellanti ma ressqet ebda kontestazzjoni formali dwar il-kwalita` tax-xoghol fir-Risposta taghha ghat-talba attrici. Dan, apparti wkoll, il-konsiderazzjoni illi dik ir-raguni allegata tax-xoghol inadattat hi kuntrastata mill-attur, kif hekk, similment, hi ribattuta minnu l-allegazzjoni tal-pagament ghas-saldu (ara xhieda principali ta' l-attur *in calce* a fol. 17);

2. B'egwal forza hi hekk ukoll ikkontestata mill-attur (fol. 20) l-allegazzjoni tar-rapprezentanti tal-kumpanija Steve Bugeja (fol. 37) illi l-firma ta' l-attur fuq dik il-kwittanza saret quddiemu. Dan ukoll gie sew notat mit-Tribunal fid-decizjoni appellata u, certament, kellu l-piz tieghu ghal skop ta' kredibilita`;

3. Addizzjonalment, l-espert kalligrafiku wkoll ikkonvinca ruhu illi dik il-firma fuq il-kwittanza ma setghetx saret mill-attur u, nonostante l-eskussjoni li sarlu (fol. 100), baqa' ma tbieghedx minn dik il-konvinzjoni indotta fih mill-accertamenti li ghamel. Konvinzjoni din li sabet l-adezjoni pjena tat-Tribunal, kif hekk din il-Qorti thoss li kellu jkun, gjaladarba, dejjem fuq il-fehma tat-Tribunal, il-konvizjoni kuntarja espressa mill-espert *ex parte* Joseph Mallia, ma kienetx tali li tpoggi fid-dubju l-opinjoni tal-perit nominat. Biex wiehed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet "**Lawrence Cachia Zammit *et* -vs- Carmela Chetcuti**", Appell Civili, 19 ta' Gunju, 1950, ukoll f'tema ta' perizja kalligrafika, "jekk huwa minnu li ma tikkostitwix il-prova pjena, huwa wkoll veru li *per se* tista' tkun utli u tista'

tikkonduci, flimkien ma' provi ohra, ghal rizultament li in konsgwenza tieghu tista' tigi deciza l-kawza";

4. Jinzel minn dan kollu illi l-insistenza tac-censura mis-socjeta` appellanti di fronte ghall-perizja u l-attakk taghha tan-nuqqas ta' debita attenzjoni mill-espert nominat ma ghandhom ebda fondament u qed jigu skartati.

Ghall-motivi kollha suesposti l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------